**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 157 tal-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2023, dwar żvijar fi tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja, fil-11 ta' Ottubru ta' din is-sena rċeviet email mingħand l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Justin Schembri fejn tgħid u taqra hekk:

> "Peress li fl-24 ta' Awwissu, 2023, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ddeċieda li ma jinvestigax l-ilment li sarlu dwar l-għoti ta' risposta qarrieqa ta' Ministru parlamentari mwieġba mill-Ministru Clifton Grima, qed niktbulek biex nitolbuk tinvestiga dan il-każ fil-kapaċità tiegħek ta' President tal-Kamra. L-ilment jirreferi għal mistoqsija parlamentari numru 3,098 u li tirrelata mal-mistoqsija 3,756 u 4,447 li tressqu mill-Onor. Rebekah Borg li talbet lill-Ministru Grima jippubblika l-*Audit Report* li fih jinkludi l-proċess ta' evalwazzjoni li sar lill-American University of Malta (AUM) sabiex f'Awwissu 2022 kellha l-liċenzja mġedda għal ħames snin oħra.
>
> Il-Ministru kull darba rrefera lill-Onor. Borg għar-rapport ibbażat fuq institutional audit li sar f'Ottubru tal-2020 u qal li kien aċċessibbli fuq il-website tal-MFHEA. L-imsemmi rapport diġà kien il-bażi għal deċiżjoni meħuda fl-2021 li tat il-liċenzja estiża għal sena waħda biss peress li f'dan l-audit, l-AUM falliet ħafna mill-istandards fl-evalwazzjoni li saritilha. Fit-2 ta' Diċembru tal-2022 ġie ppubblikat l-*Audit Report* li sar f'April tal-2022. Dan l-*Audit Report* iffoka fuq il-korsijiet offruti mill-AUM imma mhux fuq AUM bħala istituzzjoni.
>
> Peress li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jfisser li inti, bħala Speaker, ta' din il-Kamra, għandek is-setgħa li tieħu azzjoni, qed nitolbuk sabiex tinvestiga dan il-każ u jekk issib li kien hemm azzjoni qarrieqa min-naħa tal-Ministru tieħu azzjoni ġusta kif ukoll tinsisti li jiġi ppubblikat l-*Audit Report* li abbażi tiegħu ġiet imġedda l-liċenzja tal-AUM.
>
> Tislijiet
>
> L-Onor. Rebekah Borg (Kelliem tal-Oppożizzjoni tal-Artijiet u d-Drittijiet tal-Konsumatur) u l-Onor. Justin Schembri (Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni u s-Snajja')

Is-Sedja rat id-domandi li qed tagħmel referenza għalihom l-Onor. Rebekah Borg, u ċjoè d-domanda 3,756 li kienet fuq l-American University of Malta Audit Report, li tgħid hekk:

> **"AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – AUDIT REPORT**
>
> **3756. L-ONOR REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3098, jista' l-Ministru jispjega fejn wieħed jista' jsib l-audit report dwar l-evalwazzjoni li saret lill-American University of Malta (AUM) fil-website tal-MFHEA? Jidher li l-uniku rapport li hemm ippubblikat huwa dak tal-2021 u mhux dak l-aktar riċenti.
>
> 8 ta' Novembru 2022"

Fis-seduta 50 tal-14 ta' Novembru tas-sena l-oħra, il-Ministru Clifton Grima wieġeb hekk:

“Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar audit ġie konkluż f’Ottubru tas-sena 2021 hekk kif titlob il-leġiżlazzjoni sussidjarja. B’hekk ir-rapport ippubblikat huwa l-aktar wieħed riċenti.”

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak indikat fil-mistoqsija parlamentari 4,449 li kienet tgħid hekk:

**“AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – AUDIT REPORT**

**4449. L-ONOR REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3756, peress li għall-kuntrarju tat-tweġiba tal-Ministru, l-aktar audit report riċenti li wieħed jista’ jaċċessa huwa dak li kien ippubblikat fit-13 ta’ Lulju 2021, u li sar bejn it-13 u l-15 t’Ottubru 2020 hekk kif indikat fl-istess rapport, jista’ l-Ministru jgħid jekk din is-sena sarx proċess ta’ awditjar lill-American University of Malta (AUM) sabiex f’Awwissu din kellha l-liċenzja mġedda għal ħames snin oħra, liema estensjoni tal-liċenzja kienet ikkonfermata mill-Ministru stess fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2680?

25 ta’ Novembru 2022”

Imbagħad fis-seduta tal-5 ta’ Diċembru tas-sena l-oħra, seduta numru 66, il-Ministru Clifton Grima wieġeb hekk:

**“ONOR. CLIFTON GRIMA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li b’referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3756. Dik ir-risposta hi korretta fejn l-Institutional Audit, li abbażi tiegħu toħroġ il-liċenzja, kien u għadu jinsab online.”

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni ta’ meta saru dawn il-mistoqsijiet parlamentari u fl-ebda mument, matul dawk is-seduti jew fis-seduta immedjata ta’ wara, ma tressaq ksur ta’ privileġġ fil-konfront tal-istess Ministru għall-fatt li kien qed jiżvija lill-Kamra. Dan b’referenza għall-istess Kapitlu 113, paragrafu (i) tas-subparagrafu (4) tal-artiklu 11 li jgħid hekk:

“ ... kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat;”

Dan qed jingħad peress li s-Sedja għandha l-fakultà u s-setgħa li kull meta jitqajjem ksur ta’ privileġġ hija tara jekk hemmx *prima facie* ksur ta’ privileġġ fil-konfront ta’ dak allegat u jekk ikun il-każ imbagħad dak il-każ jiġi investigat quddiem il-Kumitat dwar il-Privileġġi.

Is-Sedja qed tifhem li din l-email li ntbagħtet mill-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Justin Schembri hija b’reazzjoni għal dak li ddeċieda l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-każ li kien diġà rapportat lilu dwar l-ilment tal-istess Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Justin Schembri u fir-rigward tal-mistoqsijiet parlamentari relatati mal-liċenzja tal-American University of Malta, fejn il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għamilha ċara li fejn jidħlu każijiet dwar allegazzjoni ta’ żvijar, ta’ informazzjoni qarrieqa, *più o meno* fil-Kamra, hija s-Sedja li għandha d-dritt li tinvestiga. Dan huwa korrett dwar il-proċedura li dejjem ġiet stabbilita.

Is-Sedja tagħmel referenza għal diversi rulings li jirrigwardaw dan il-każ partikolari fejn tidħol kwestjoni ta' żvijar fit-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari. Fil-fatt ruling tat-28 ta' Ottubru 2014 li kien jikkonsisti f'ruling mogħti mis-Sedja kif preseduta dwar allegat ksur ta' privileġġ mitlub mill-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Onor. Emanuel Mallia, dak iż-żmien Ministru, għal tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari 9,925 u 9,958 fejn is-Sedja kienet għamlitha ċara li ladarba l-ksur ta' privileġġ ikun intalab f'dik is-seduta li tkun l-ewwel opportunità wara li tingħata r-risposta fejn tista' tqajjem il-ksur ta' privileġġ u dan l-aktar b'mod immedjat, fejn is-Sedja allura daħlet ukoll fil-kwestjoni msemmija, fejn iddeċidiet li ma kien hemm l-ebda informazzjoni qarrieqa li ġiet indikata bħala li saret min-naħa tal-Ministru Emanuel Mallia fil-konfront tal-mistoqsijiet parlamentari msemmija anzi tagħmilha ċara b'dan ir-ruling, illi meta jseħħ il-każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ, irid ikun hemm u jirriżulta li huwa każ ċar ta' "deliberately misleading the House".

Fil-fatt is-Sedja għamlet referenza wkoll għall-Erskine May dwar kwestjoni ta' żvijar u żgwidar tal-Kamra, fil-paragrafu intitolat "Misconduct of members or officers" fejn jingħad hekk, u nikkwota:

> "Misconduct of members or officers regarding misleading the House, the Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963, the House resolved that in making a personal statement which contained words which they later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt."

Li fil-każ imsemmi ma kienx il-każ.

Is-Sedja tagħmel referenza għal diversi rulings oħra fosthom għal ruling li tat is-Sedja fid-29 ta' April tal-2020, fis-seduta 323, ruling li ntalab mill-Onor. Robert Cutajar dwar ilment ta' żvijjar tal-Kamra fil-konfront tal-Ministru Aaron Farrugia, fejn is-Sedja ċċitat ukoll il-fatt li waqt li daħħlet diversi rulings li tat hi u anke Speakers preċedenti bħalma kien il-każ, u nikkwota hawn Speaker Louis Galea fid-deċiżjoni li ta fis-seduta 175 tas-seduta tas-7 ta' Diċembru tal-2009 dwar jekk risposta mogħtija mill-Prim Ministru kinitx tiżvija jew tiżgwida lill-Kamra, l-istess Speaker Louis Galea qal hekk, u nikkwota:

> "Minkejja dan kollu tajjeb li l-Kamra żżomm quddiem għajneja li l-Artikolu 11 (4) (i) espliċitament jikkwalifika l-għoti jew t-tqiegħed ta' "dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat" quddiem il-Kamra b'intenzjoni ċara u pruvabbli li dak li jkun jagħmel hekk "bil-ħsieb li jqarraq" lill-Kamra. L-istess l-Erskine May, meta jiddeskrivi l-att ta' 'misleading' bħala "the making of a deliberately misleading statement" espliċitament qed jippressuponi l-*mens rea*, l-intenzjoni deliberata li jiżvija. L-elementi tar-reat kontemplat mill-Artikolu 11 (4) (i) ma jistgħux jissustixxu mingħajr l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal rulings oħrajn li tat fil-konfront ta' żvijar mogħtija mir-risposti parlamentari bħar-ruling tal-4 ta' April tal-2021 fis-seduta 456 dwar tweġibiet parlamentari fil-konfront tal-mistoqsijiet li saru dak iż-żmien, mill-Onor. Edwin Vassallo u l-Onor. Robert Cutajar, fejn intalab biex is-Sedja tinvestiga dwar ir-risposti li ngħataw u li setgħu kienu każijiet ċari ta' ksur ta' privileġġ. F'dak ir-ruling is-Sedja kkwotat lill-Ispeaker Bercow tal-House of Commons tar-Renju Unit fejn kien qal:

"It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me."

Din il-pożizzjoni s-Sedja għamlitha f'diversi rulings li tat, bħal pereżempju fis-Seduta 94 tal-14 ta' Marzu 2018 fejn anke kkwotat minn paġna 356 tal-Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition) taħt it-titolu "Speaker's control of questions":

"The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal ruling aktar riċenti mogħti fis-seduta 522 tat-22 ta' Novembru 2021 dwar tweġibiet mogħtija għad-domandi tal-Onor. Karol Aquilina u tal-Onor. Joseph Ellis dwar mistoqsijiet parlamentari, u nikkwota:

"Is-Sedja, kif għamlet diversi drabi, anke kif diversament ippreseduta, terġa' tinnota illi hija m'għandhiex mansjoni li tintervjeni kif jitwieġbu Mistoqsijiet Parlamentari. Anke meta tirreferi għall-prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit u għall-fatt li l-prattiċi tal-Parlament Malti f'dan ir-rigward jirriflettu dawk tal-istess Parlament Ingliż, tinnota .....

Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u kien għalhekk li infurmat lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi bir-rimarki tal-Onor. Aquilina u l-Onor. Ellis, u ġibdet l-attenzjoni għall-importanza li l-Mistoqsijiet Parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli."

F'dan il-każ ukoll ma kienx il-każ li kien hemm xi allegazzjoni li setgħet tiġi investigata dwar żvijar tal-Kamra.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għar-ruling fis-seduta 528 tas-6 ta' Diċembru 2021 dwar żgwidar tal-Kamra għar-risposti parlamentari fuq domanda li saret mill-Onor. Ryan Callus lill-Ministru Silvio Schembri fejn is-Sedja wkoll, f'dan il-każ, għamlitha ċara fuq kjarifika, u nikkwota:

"Mill-kjarifika li talbet is-Sedja mill-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija jirriżultalha illi informazzjoni li saret referenza għaliha fl-artiklu li ppreżenta l-Onor. Callus ingħatat bi tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 4301 imwieġba fis-Seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (hawn annessa) u allura din l-informazzjoni tidher li diġà qiegħda quddiem il-Kamra. Mill-istess kjarifika mogħtija mill-Ministru, is-Sedja tifhem ukoll li l-informazzjoni li ntalbet fil-mistoqsija kienet differenti minn dik mitluba minn The Shift News taħt il-Freedom of Information Act u għaldaqstant kienet din ir-raġuni li l-mistoqsija ġiet imwieġba b'dak il-mod. Is-Sedja tifhem illi ladarba kien hemm din il-kjarifika, allura, fiċ-ċirkostanzi, ma tarax li kien hemm l-intenzjoni li l-Kamra tiġi żgwidata mill-istess Ministru."

Għalhekk kif qed jingħad, f'każ fejn jintalab ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' Ministru dwar żvijar, irid ikun hemm dejjem ippruvat il-*mens rea* u ċjoè l-intenzjoni qarrieqa tal-istess Ministru li jiżvija lill-Kamra.

Is-Sedja, *nonostante* li ma ntalbitx fl-ebda mument, fil-ħin opportun, ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Clifton Grima, xorta ħasset il-ħtieġa li tinvestiga dak li ntalbet mill-Onor. Rebekah Borg u mill-Onor. Justin Schembri u dan talbet direttament lill-Ministru biex jagħti l-informazzjoni kollha dwar dak li wieġeb fil-mistoqsijiet parlamentari fejn is-Sedja qiegħda tpoġġi flimkien ma' dan ir-ruling, id-dokument li għadda l-istess Ministru li fil-konklużjoni tagħha s-Sedja tħoss li minn dak li jirriżulta m'hemm l-ebda żvijar fil-konfront tal-informazzjoni li ta l-istess Ministru Clifton Grima. Dan jidher li huwa konfortat minn dak kollu li wieġeb il-Ministru Clifton Grima anke fil-mistoqsijiet parlamentari preċedenti.

Is-Sedja rat ukoll dak li ntqal anke fis-seduti tal-Public Appointments Committee fosthom fil-laqgħa tas-27 ta' Settembru 2022, f'laqgħa numru 4 u f'laqgħat oħra fejn kien hemm is-smigħ tal-Professur John Portelli, li kellu l-kariga ta' Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, fejn dan, anke waqt id-domandi li sarulu fosthom mill-Onor. Karol Aquilina fejn fir-risposti li ta, fosthom qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Naqblu li l-AUM iġġedditilha l-liċenzja minn Settembru 2021 għal sena?
>
> **PROF. JOHN P PORTELLI:** Il-liċenzja, bħal f'kull istituzzjoni oħra, tista' tingħata għal ħames snin, għal sena, għal sentejn, imma jkun hemm ċerti każijiet li mhux se nsemmihom hawn, fejn il-liċenzja tiġi sospiża minħabba li ma jkunux intlaħqu ċerti standards. Dawn huma affarijiet normali li l-liġi tagħtina l-permess li nagħmluhom u li jsiru kullimkien."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina reġa' staqsa:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Se nerġa' nistaqsik biex nipprova nieħu risposta mingħandek. Huwa minnu li s-sena li għaddiet il-liċenzja tal-AUM iġġeddet għal sena oħra proprju minħabba ċ-ċirkostanza li kien hemm dwar dan l-audit, u allura jien qed nifhem li l-liċenzja se tiskadi?
>
> **PROF. JOHN P PORTELLI:** Id-dati eżatt ma niftakarhomx, Onor. Aquilina. Jien m'iniex membru tal-bord, imma wieħed jista' jiċċekkja. Li nista' ngħidlek huwa li din is-sena, jiġifieri s-sena akkademika 2021-2022 li spiċċat fis-sajf li għadda, sar audit fuq il-programmi, jiġifieri dak li huwa l-aspett akkademiku. Issa r-rapport fuq il-programmi għadu ma ħariġx u s'issa għadu kunfidenzjali."

Hawnhekk reġa' staqsa l-Onor. Karol Aquilina:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Naqblu li kien hemm perjodu fejn sar quality assurance audit?
>
> **PROF. JOHN P. PORTELLI:** Naqblu li sar audit, bħalma jsiru fuq oħrajn, għax kien hemm xi affarijiet li riedu jintlaħqu f'ċertu żmien u saru follow-ups fuqhom ukoll."

Hawnhekk reġa' staqsa l-Onor. Karol Aquilina:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** U dik inti ma tiddeskrivihiex bħala xi ħaġa li m'għaddietx mill-audit?

**PROF. JOHN P. PORTELLI:** L-ewwel nett, irridu nifhmu – u din hija t-teorija tal-quality assurance għolja – li l-quality assurance mhijiex att ta' pulizija, imma huwa att li lill-provider, hu min hu jew hi min hi, ngħinuhom biex l-istandard ikun aħjar, imma huwa importanti wkoll li jekk hemm xi affarijiet li jista' jkun li qed joqorbu l-minimu, irridu ninnotawhom biex żgur ma jonqsux. Wara kollox, l-Awtorità qiegħda hemm biex tassigura li dawn l-istandards jintlaħqu għall-benefiċċju tal-istudenti, huma min huma l-istudenti."

Hawnhekk reġa' staqsa l-Onor. Karol Aquilina:

**"ONOR. KAROL AQUILINA:** Jiġifieri inti tista' tikkonfermalna li llum l-AUM għandha liċenzja biex topera.

**PROF. JOHN P. PORTELLI:** Iva, għandha liċenzja biex topera."

Is-Sedja rat ukoll id-dokument li għaddielha l-istess Ministru, wara li daħlet fl-investigazzjoni ta' dan il-każ biex tkun konfortata li ċertament ma kienx hemm, kif diġà kkwotajt fir-rulings preċedenti, l-intenzjoni qarrieqa tal-Ministru fit-tweġibiet li ta lill-Onor. Rebekah Borg, id-dokument dwar mistoqsija parlamentari 3098, li hija korrispondenza tal-14 ta' Ottubru 2022, fejn hemmhekk hemm ir-rapport kif pubblikat u aċċessibbli mill-website tal-MFHEA kif mibgħut minn ċertu Valerie Attard, Senior Manager tal-Malta Further and Higher Education Authority.

Is-Sedja, għalhekk, filwaqt li tifhem il-preokupazzjoni tal-istess Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Justin Schembri, tirrimarka li fiċ-ċirkostanzi, ladarba ma ntalabx ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru, u anke wara li s-Sedja *ex officio* ħasset il-ħtieġa li tidħol f'dan il-każ partikolari, xorta qiegħda tordna lill-Ministru li jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dak li huwa indikat bħala rapport pubbliku u aċċessibbli fil-website, kif indikat fil-korrispondenza tal-14 ta' Ottubru 2022 fl-ewwel okkażjoni mill-għotja ta' dan ir-ruling. Dan qed jingħad ukoll kif diġà ġie indirizzat f'numru ta' rulings preċedenti, fosthom dak mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-Seduta numru 205 tal-24 ta' Marzu 2010, meta espressament irrakkomanda li d-dokument li jinsab aċċessibbli fil-website, kwalunkwe dokument li jirreferi għalih Ministru waqt seduta waqt risposta għal mistoqsija parlamentari, kif kien il-każ in eżami, għandu jintavolah fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ir-ruling huwa deċiż.